Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal

Office of the Commissioner for Children

**DOKUMENT TA' POŻIZZJONI FUQ L-ATT DWAR L-EDUKAZZJONI L-ĠDID**

**Settembru 2021**

## SFOND

### Id-Dritt tat-Tfal għall-Edukazzjoni

Dan id-dritt fundamentali tat-tfal huwa artikulat fl-Artikli 28 u 29 tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC).

L-Artiklu 28 jistabilixxi d-dmir tal-Istat li jagħmel l-edukazzjoni disponibbli u aċċessibbli għat-tfal, u li jsostni t-tfal biex jattendu u jsibu triqithom fis-sistema edukattiva mill-aħjar sabiex iwettqu d-dritt tagħhom għall-edukazzjoni. F' dak li hu aċċess għall-edukazzjoni, dan l-artiklu jfisser il-ħtiġijiet minimi li Stat li rratifika l-Konvenzjoni jrid jilħaqhom u għandu dejjem jistinka li jisboqhom.

L-Artiklu 29 jiddefinixxi l-edukazzjoni x' għandha tipprova tikseb f' dak li hu l-iżvilupp fiżiku, mentali, soċjali u morali tat-tfal.

Id-dritt tat-tfal għall-edukazzjoni ma jistax jinkiseb biss permezz tal-implimentazzjoni tal-artikli msemmija iżda jeħtieġ ukoll osservanza stretta ta' erba' drittijiet ġeneriċi tal-Konvenzjoni, jiġifieri d-dritt tat-tfal li:

- ma jkunux diskriminati fl-għoti tal-edukazzjoni skond xi karatteristika individwali jew tal-familja tagħhom (Artiklu 2);
- kull deċiżjoni li tittieħed għalihom tkun imsejsa fuq kunsiderazzjoni attenta tal-aħjar interess tagħhom (Aritklu 3);
- jingħataw edukazzjoni li tippromwovi u tipproteġi d-dritt tagħhom għall-ħajja u l-iżvilupp (Artiklu 6);
- jipparteċipaw b' mod attiv fil-proċess edukattiv (Artiklu 12)

### L-importanza tal-Att dwar l-Edukazzjoni għad-dritt għall-edukazzjoni

Għalkemm ir-ratifika ta' Malta tal-Konvenzjoni fl-1990 hija turija qawwija ta' kemm il-pajjiż huwa kommess li jwettaq id-drittijiet tat-tfal dwar l-edukazzjoni, dawn id-drittijiet ftit li xejn jistgħu jitqiesu konkreti sakemm ma jkunux imdaħħlin fil-liġi. L-Att dwar l-Edukazzjoni jagħti saħħa legali lid-dritt tat-tfal f' Malta għall-edukazzjoni.

### L-Istorja tal-Att dwar l-Edukazzjoni

Wara li sar liġi fl-1988, sentejn wara r-ratifika tal-Konvenzjoni, l-Att dwar l-Edukazzjoni għadda minn numru ta' emendi matul is-snin li ġew. Wara kważi tletin sena, inħass il-bżonn li l-Att jiġi aġġornat għall-bżonnijiet u r-realtajiet moderni. Għal dan il-għan, fl-2014 tnediet konsultazzjoni pubblika li baqgħet għaddejja sakemm fl-2016 tnieda abbozz tal-Att dwar l-Edukazzjoni emendat għall-

konsultazzjoni pubblika li sentejn wara tressaq il-Parlament fis-sura ta' tlett abbozzi ta' liġi, jiġifieri l-Abbozz ta' Liġi dwar l-Edukazzjoni, l-Abbozz ta' Liġi dwar ir-Regolamentazzjoni tal-Edukazzjoni, u l-Abbozz ta' Liġi dwar il-Professjonijiet fl-Edukazzjoni.

Madankollu, wara oppożizzjoni qawwija mill-Unjin Maltija tal-Għalliema (MUT) għall-numra ta' proviżjonijiet u emendi, l-abbozzi ta' liġi ġew irtirati. Wara li saru tibdiliet għal dawn l-abbozzi, dawn reġgħu għaddew mill-proċess leġislattiv fl-2019. L-Att dwar l-Edukazzjoni l-ġdid huwa ppjanat li jidħol fis-seħħ f' Ottubru tal-2021.

**INTRODUZZJONI**

L-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal ipparteċipa fil-proċess ta' konsultazzjoni fl-2016 meta ssottometta r-reazzjoni tiegħu għall-abbozzi proposti. Dan id-dokument ta' pożizzjoni jittratta biss dawk l-emendi li saru bejn l-abbozzi tal-2018 u l-Att tal-2019.

Il-mistoqsija ċentrali ta' dan id-dokument hija jekk u sa fejn l-emendi li qegħdin fl-Att tal-2019 imexxu 'l quddiem l-implimentazzjoni tad-drittijiet tal-Konvenzjoni msemmijin qabel iktar milli kien sar permezz tal-emendi li ġew proposti fl-abbozzi tal-2018. Dan id-dokument jistaqsi wkoll kemm l-Att tal-2019 huwa adegwat fid-dawl tal-iżviluppi u d-dibattiti reċenti li seħħew wara li l-Att sar liġi.

**ANALIŻI KRITIKA TAL-ATT DWAR L-EDUKAZZJONI TAL-2019**

1. **Disponibbiltà u Aċċessibbiltà tal-Edukazzjoni**

L-Artiklu 4(2)(d) tal-Att tal-2019 jobbliga l-Istat li jiggarantixxi d-disponibbiltà ta' ċentri ta' edukazzjoni u ħarsien bikrija fit-tfulija. Din hija proviżjoni pożittiva ħafna meta wieħed jikkonsidra l-importanza kritika tal-edukazzjoni bikrija fit-tfulija għall-iżvilupp ġenerali tat-tfal. Madanakollu, dan is-sotto-artiklu ma jobbligax l-Istat li jiżgura li ċ-ċentri ta' edukazzjoni u ħarsien bikrija fit-tfulija jkunu aċċessibbli għat-tfal *kollha*. Dan huwa importanti billi kwistjonijiet ta' offerta li ma tlaħħaqx mad-domanda u spejjeż projbitivi jistgħu jxekklu l-aċċess għal xi tfal, inklużi dawk li jistgħu jibbenifikaw l-iktar minn dawn iċ-ċentri. Dan it-tip ta' obbligu fuq l-Istat jista' jagħti bażi legali għall-bidla ta' politika li ilu jsejjaħ għaliha l-Uffiċċju li l-provviżjoni bla ħlas ta' servizz ta' ħarsien tat-tfal matul il-jum tiġi estiża lil dawk il-familja l-iżjed vulnerabbli u f' riskju ta' faqar irrispettivament minn jekk il-ġenituri jkunux qed jaħdmu jew jistdujaw.

Huwa tajjeb li r-reġistrzzjoni fil-ħin u l-attendenza regolari tat-tfal l-iskola saret funzjoni ġdida tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni taħt l-Att tal-2019.

L-Artiklu 9(h) tal-Att tal-2019 jistabilixxi d-dmir tal-iskejjel "li jiżguraw l-użu ta' dixxiplina pożittiva". Dan jaqbel ma' dak li jgħid it-tieni sotto-artiklu tal-Artiklu 28 tal-Konvenzjoni, li jsejjaħ biex "id-dixxiplina fl-iskejjel titħaddem b' mod li huwa konsistenti mad-dinjità umana tat-tfal u f' konformità mal-Konvenzjoni.". Dan jikkumplimenta ukoll l-isforzi li qed isiru fuq livell ta' politika nazzjonali biex tiġi promossa t-trobbija pożittiva tat-tfal.

Bil-għan li toffri speċjalizzazzjoni f' suġġetti partikolari, l-Att tal-2019 iwitti t-triq biex il-kulleġġi jingħaqdu fi gruppi.

F' dak li għandu x' jaqsam mal-edukazzjoni mid-dar, l-Att tal-2019 ma jfissirx kriterji speċifiċi għall-għarbiel ta' applikazzjonijiet biex tfal jirċievu l-edukazzjoni tagħhom mid-dar. Dan għandu jagħmilha iktar faċli biex it-tfal li l-iktar għandhom bżonn u jistgħu jibbenifikaw mill-edukazzjoni mid-dar ikollhom aċċess għal din it-tip ta' edukazzjoni. Madanakollu, il-fatt li l-kundizzjonijiet biex tingħata awtorizzazzjoni għal edukazzjoni mid-dar jorbtu l-applikanti li jipprovdu l-istess ambjent soċjali u

faċilitajiet bħal dak li jinsab fi skola jista' ma jkunx sostennibbli u jiskoraġġixxi l-ġenituri milli joffru l-edukazzjoni li jidhrilhom hija l-aħjar għal uliedhom.

Fid-dawl tat-tħarbit kbir li soffriet l-edukazzjoni tat-tfal minħabba l-pandemija matul din l-aħħar sena u nofs, l-Att dwar l-Edukazzjoni għandu jeħtieġ li l-iskejjel jingħalqu biss jekk l-awtoritajiet kompetenti ikunu għamlu assessjar sħiħ u trasparenti tar-riskji marbuta mas-saħħa tal-istudenti u l-għalliema u tal-impatt ġenerali tal-għeluq tal-iskejjel fuq il-benessri tat-tfal. L-Att għandu jiggarantixxi provviżjoni u kwalità xierqa u f' waqitha ta' programm alternattiv ta' tagħlim mill-bogħod billi jobbliga l-iskejjel u l-kulleġġi li jkollhom pjan ta' tħejjija għal tagħlim fi stat ta' emerġenza, liema pjan ikun lest li jitwettaq malli tfaqqa' xi emerġenza pubblika, bħal ma tista' tkun pandemija.

2. **Għanijiet u miri tal-edukazzjoni**

L-Uffiċċju jilqa' b' sodisfazzjoni l-Artiklu 16 sotto-artiklu 2, li jagħti indipendenza u awtonomija operattiva lid-Dipartiment responsabbli mir-regolazzjoni tal-edukazzjoni obbligatorja. Wieħed jittama li dan se jsaħħaħ il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni u politiki nazzjonali dwar l-edukazzjoni fl-iskejjel kollha, sew dawk statali, tal-knisja u indipendenti.

Il-kwalità tal-edukazzjoni, jiġifieri l-abbiltà ppruvata tagħha li tixpruna l-iżvilupp ħolistiku tat-tfal, għandu jkun il-parametru ewlieni meta wieħed jifli jekk l-età tal-iskola obblijatorja għandhiex tiġi emendata, kif ġie mitħaddet dan l-aħħar wara li l-Kamra tal-Kummerċ ipproponiet li din l-età titla' għal tmintax-il sena. Filwaqt li bidla bħal din hija tajba fil-prinċipju għax iżżomm it-tfal fl-edukazzjoni, fil-prattika teħtieġ li magħha jekk mhux qabilha jibqgħu jsiru u jiġġeddu l-isforzi sabiex titjiebu l-esperjenzi u l-eżiti tal-edukazzjoni ta' dawk it-tfal li jlestu l-edukazzjoni sekondarji mingħajr ma jkunu kisbu dawk il-ħiliet li se jkollhom bżonnhom biex jibdew u jkomplu l-edukazzjoni post-sekondarja. Li jittawwal iż-żmien li t-tfal iqattgħu fl-edukazzjoni obbligatorja mhuwiex garanzija ta' suċċess ikbar fl-edukazzjoni.

3. **Non-diskriminazzjoni**

L-Artiklu 3 tal-Att tal-2019 imur 'l hinn mill-estensjoni tad-dritt tal-aċċess għall-edukazzjoni liċ-ċittadini kollha ta' Malta li huma fl-età tal-iskola obbligatorja li jinsab fl-istess artiklu tal-abbozz ta' liġi tal-2018 billi jestendi dan id-dritt għal firxa ferm usa tat-tfal li tiġbor fiha dawk kollha li huma residenti f' Malta.

4. **L-aħjar interess tat-tfal**

L-Artiklu 6(g) tal-Att tal-2019 jistabilixxi l-obbligu tal kull ġenitur "li jkun konformi mal-politika maħruġa midDiviżjoni, mill-Kulleġġ u mill-iskola". Fl-istess waqt, l-Artiklu 8(1) jobbliga l-Bord għal Materji dwar l-Edukazzjoni li jiżgura li "fid-deċiżjonijiet tiegħu, jiżgura li tingħata konsiderazzjoni xierqa lill-prinċipji stabbiliti fl-artikolu 4(1)(a).", jiġifieri li l-edukazzjoni tat-tfal tkun "...bbażata fuq ilvaluri ta' demokrazija, inklużjoni, diversità, ċittadinanza attiva, ħsieb kritiku, imġiba responsabbli u kondotta etika". Dan iż-żewġ sotto-artikli ġodda jew siltiet minnhom iwasslu għal kunsiderazzjoni itjeb tal-aħjar interess tat-tfal.

Hija ħaġa tajba li l-Att tal-2019 jidħol f' ċertu dettall dwar kif il-Bord dwar Kwistjonijiet Edukattivi għandu jkun magħmul f' dak li hu għerf professjonali, jiġifieri li "Ilmembri tal-Bord għandhom jinkludu rappreżentant tal-ġenituri, edukatur, professjonist mill-qasam psikosoċjali u espert fil-qasam speċifiku ta' edukazzjoni inkluživa". L-għamla tal-Bord għandha tinkludi l-perspettiva tad-drittijiet tat-Tfal. Dan jista' jintlaħaq permezz tal-ħtieġa li, qabel ma jikkostitwixxi l-Bord, il-Ministru jfittex qbil mhux biss mal-Kummissjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b' Diżabbiltà iżda wkoll mal-Kummissarju għat-Tfal.

5. **Ħajja u Żvilupp**

Vojt fis-sistema edukattivi li nkixef mill-pandemija għandhom ikunu indirizzat bil-għan li jinħoloq mudell ġdid ta' edukazzjoni li jirrispondi aħjar għar-realtajiet, l-interessi u l-bżonnijiet tat-tfal.

6. **Parteċipazzjoni**

L-Artiklu 9(f) tal-abbozz ta' liġi tal-2018, li jorbot l-iskejjel li "jagħmlu assessjar tal-impatt fuq it-tfal qabel ma jdaħħlu politiki jew inizjattivi ġodda" ma jinsabx fl-Att tal-2019. Huwa gravi li dan l-obbligu tħalla barra billi l-importanza tal-assessjar tal-impatt fuq it-tfal qed tkun rikonoxxuta dejjem iktar fi ħdan u fix-xogħol ta' dawk li jaħdmu u jaqbżu għad-drittjiet tat-tfal.